

Brussell, 28 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11661/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0228(NLE)

UK 117
TRANS 516

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 363 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") mir-Renju Unit u l-kontribuzzjoni għall-kostijiet tagħha

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 363 final.

Mehmuż: COM(2022) 363 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2022
COM(2022) 363 final

2022/0228 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") mir-Renju Unit u l-kontribuzzjoni għall-kostijiet tagħha

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-kooperazzjoni amministrattiva skont l-Artikolu 6 tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha ssir mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għall-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-kost iġġenerat mill-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012¹. Waħda mill-funzjonalitajiet tagħha tippermetti l-ipproċessar tad-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar skont ir-regoli tad-Direttiva 96/71/KE, id-Direttiva 2014/67/UE u d-Direttiva (UE) 2020/1057. Dawn ir-regoli għandhom l-għan li jstabbilixxu lista ta' kundizzjonijiet tax-xogħol li jridu jingħataw il-ħaddiema stazzjonati fil-pajjiż ospitanti. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit (TCA) jipprevedi fl-Anness 31 tiegħu (l-Artikolu 6(1) punt (a) tat-Taqsima 2 tal-Parti A ta' dak l-Anness) li l-operaturi stabbiliti f'waħda mill-partijiet tat-TCA jenħtieġ li jippreżentaw dikjarazzjoni ta' stazzjonar lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Parti l-oħra jew, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, tal-Istat Membru li fih jiġi stazzjonat is-sewwieq. Għal dan l-iskop, mit-2 ta' Frar 2022 għandha tintuża formola standard multilingwi tal-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI.

Skont l-Artikolu 7(5) tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jenħtieġ li l-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) mir-Renju Unit. Id-deċizzjoni proposta tal-Kumitat Speċjalizzat fiha l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa sabiex tkun tista' ssir il-konnessjoni tal-operatur tat-toroq u tal-awtoritajiet nazzjonali mal-IMI. Dan se jippermetti lill-operaturi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' stazzjonar tagħhom permezz tal-IMI u lill-awtoritajiet nazzjonali jieħdu sehem fil-kooperazzjoni amministrattiva, li hija meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-regoli dwar l-istazzjonar tas-sewwieqa. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet ġew adattati mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2179² għall-qafas tat-TCA.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' deċizzjoni mill-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, f'konformità mal-abbozz ta' deċizzjoni meħmuż ma' din il-proposta.

¹ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1.

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2179 tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar il-funzjonalitajiet tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 68).

4. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jstabilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”.

Id-deċiżjoni, li l-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq huwa mitlub jadotta, tikkostitwixxi att b’effetti legali. L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Jixraq li d-deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") mir-Renju Unit u l-kontribuzzjoni għall-kostijiet tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Kif stabbilit fl-Artikolu 6(1) il-punt (a) tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-operaturi stabbiliti fil-Parti l-oħra jenħtieġ li jippreżentaw dikjarazzjoni ta' stazzjonar lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti jew, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, tal-Istat Membru li fih jiġi stazzjonat is-sewwieq, billi mit-2 ta' Frar 2022 jużaw formola standard multilingwi tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Awtorità kompetenti tista' tkun kwalunkwe korp stabbilit fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali u rreġistrat fl-IMI b'responsabbiltajiet speċifiċi marbuta mal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet legali.
- (2) Kif stabbilit fl-Artikolu 6(1) il-punt (c) tat-tieni subparagrafu tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-IMI tippermetti wkoll li jsiru talbiet għall-assistenza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti ta' stabbiliment jew, fil-każ tal-Unjoni, tal-Istat Membru ta' stabbiliment, meta l-operatur jonqos milli jippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba fi żmien tmien ġimgħat mid-data tat-talba.
- (3) L-IMI tista' tintuża minn pajjiżi terzi jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 u diment li l-pajjiż terz li jingħata aċċess għall-IMI jipparteċipa fil-kostijiet operattivi tal-IMI.
- (4) Kif stabbilit fl-Artikolu 7(5) tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jenħtieġ li l-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tal-IMI mir-Renju Unit. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet huma meħtieġa sabiex jippermettu l-konnessjoni tal-operaturi tat-toroq u tal-awtoritajiet nazzjonali mal-IMI, u b'hekk l-operaturi jkunu jistgħu jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet ta' stazzjonar tagħhom u l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-kooperazzjoni amministrattiva deskritta fil-

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).

premessi 1 sa 3e. L-Unjoni Ewropea implimentat dawn l-ispeċifikazzjonijiet permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2179⁴.

- (5) Kif stabbilit fl-Artikolu 7(6) tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kull parti jenħtieġ li tipparteċipa fil-kostijiet operattivi tal-IMI. Il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jenħtieġ li jiddetermina l-kostijiet li għandhom jiġġarbu minn kull Parti. Għalhekk jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha ssir mir-Renju Unit għall-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-kost iġġenerat mill-parteeċipazzjoni tiegħu fl-IMI. Il-kontribuzzjoni finanzjarja se tikkonsisti f'żewġ partijiet: il-kostijiet tal-iżvilupp (pagament ta' darba) u l-kostijiet tal-manutenzjoni annwali (kontribuzzjoni annwali).
- (6) Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq.
- (7) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati fil-pront, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit bl-Artikolu 8(1), il-punt (o) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) mir-Renju Unit u d-determinazzjoni tal-kostijiet li għandhom jiġġarbu mir-Renju Unit għandhom ikunu bbażati fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2179 tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar il-funzjonalitajiet tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 68).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") mir-Renju Unit.

2. LINJI BAĠITARJI:

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

6 6 3 "Proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji, prerogattivi u azzjonijiet oħra" (DĠ MOVE);

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: EUR 319 039,00

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja dwar in-nefqa li ġejja:

02 20 04 01 "Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-trasport, is-sigurtà tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inkluż attivitajiet ta' komunikazzjoni" (DĠ MOVE)

3. IMPATT FINANZJARJU

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul ⁵⁶	Perjodu ta' XX xhur li jibda jj/xx/ssss (jekk applikabbli)	2022
6 6 3	<i>Iva</i>		0,32

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	2023	2024	2025	2026	2027
6 6 3	0,09	0,09	0,09	0,1	0,1

⁵ L-ammonti għal kull sena jeħtieġ li jkunu stima bbażata fuq il-formula jew il-metodu definit fit-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jitħallas mingħajr tnaqqis jew fuq bażi *pro rata*.

⁶ Fil-każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa):

Linja tan-nefqa ⁷	2022	2023
02 20 04 01	0,32	0,09

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tan-nefqa	2023	2024	2025	2026	2027
02 20 04 01	0,09	0,09	0,09	0,1	0,1

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Id-DĠ MOVE japplika l-prinċipji kontra l-frodi li jirriżultaw mill-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi tal-2019 (COM(2019) 196 final).

Id-DĠ MOVE adotta strateġija lokali riveduta kontra l-frodi fl-2020. Il-MOVE AFS hija bbażata fuq valutazzjoni tar-riskju speċifika mwettqa internament biex jiġu identifikati l-oqsma l-iktar vulnerabbli għall-frodi, il-kontrolli diġà fis-seħħ u l-azzjonijiet meħtieġa biex tittejjeb il-kapaċità tad-DĠ MOVE li jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-frodi.

Id-dispożizzjonijiet kuntrattwali applikabbli għall-akkwist pubbliku u għall-għoti ta' għotjiet jiżguraw li l-awditi u l-verifiki fuq il-post jistgħu jitwettqu mis-servizz tal-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, permezz tad-dispożizzjonijiet standard irrakkomandati mill-OLAF. L-entitajiet inkarigati differenti li lilhom id-DĠ MOVE jista' jafda l-ġestjoni tan-nefqa tiegħu japplikaw approċċi komparabbli kontra l-frodi.

5. RIMARKI OĦRA

Hemm żewġ tipi ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mir-Renju Unit:

- (1) Ammont ta' darba, it-tariffa tad-dħul ta' EUR 232 835, li għandu jitħallas darba biss. Dan l-ammont ġie kkalkulat abbażi tal-kostijiet totali tal-iżvilupp tal-interfaċċa pubblika (Back Office) konnessa mal-IMI (Front Office) u għandu jintuża biex ikopri t-titjib u t-tiħiħ meħtieġ tas-sistema.
- (2) Il-kostijiet kumplessivi annwali tal-manutenzjoni tal-Front Office u tal-Back Office tal-IMI tal-modulu tal-istazzjonar tas-sewwieqa, li għandhom jitħallsu kull sena: 86 204

Iż-żewġ kontribuzzjonijiet mir-Renju Unit kif imsemmi fl-Artikolu 5 tal-abbozz ta' DEĊIŻJONI Nru X/2022 TAL-KUMITAT SPEĊJALI GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ għandhom jiġu allokatu għal-linja baġitarja 02.200401 tad-DĠ MOVE. L-ammont totali għandu jiġi kodelegat mid-DĠ MOVE lid-DIGIT, bħala żviluppatur

⁷ Għandha tintuża biss jekk ikun hemm bżonn.

tas-sistema biex ikopri l-kostijiet tal-iżvilupp u tal-manutenzjoni relatati kemm mal-front office kif ukoll mal-back office b'indikazzjoni dwar liema titjib jenħtieġ li jintefaq wara ftehim bejn id-DĠ MOVE u d-DĠ GROW.